MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Novembru 2019**

**Kumpilazzjoni numru 437/19 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**Leander Zahra**
**(ID: 42998M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Leander Zahra** akkużat talli nhar il-21 ta' Lulju, 2019, għall-ħabta tas-6:55 ta' filgħaxija ġewwa residenza bl-indirizz 47B, Triq San Mikiel, Marsa:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' missieru Alexander-Mario Zahra, u permezz ta' arma regolari u ċioè arma li taqta' u bil-ponta kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa hekk skont ma ġie ċċertifikat minn Dr. Leigh Joseph Calleja M.D. (Reg. No. 3952) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikoli 64(1), 214, 215, 217, 221(1)(2) u 222(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġuna lil ħaddieħor, u ċioè lil missieru Alexander-Mario Zahra il-biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tiegħu jew kontra l-

persuni jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti jew aħwa subien jew bniet, u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' Alexander-Mario Zahra jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i msemmija u l-familja tiegħu minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużati skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna/i offiża u l-familja tiegħu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-aħħar, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet rikonfermata wara li l-Qorti tatu żmien biżżejjed biex jerġa' jaħsibha;

Rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Attard;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-ammissjoni reġistrata mill-imputat u mid-dokumenti esebiti, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputazzjonijiet ġew ippruvati skont il-liġi.

Illi l-Qorti kienet tal-fehma illi qabel tgħaddi għas-sentenza kellu jiġi redatt rapport minn Uffiċjal tal-Probation sabiex tiġi esplorata x'possibilment tkun l-iktar piena idonea fiċ-ċirkostanzi.

Minn dan ir-rapport irriżulta li l-imputat kellu trobbija xi ftit turbolenti u li jrid jitgħallem li meta jinqalgħu ċerti ċirkostanzi fil-ħajja jagħraf kif għandu jirreaġixxi għalihom.

Illi fir-rigward ta' piena, il-Qorti rat illi nonostante l-età żgħira tal-imputat diġà xellef difru mal-ġustizzja fi tliet okkażjonijiet fejn għal kull okkażjoni dawn il-Qrati kienu klementi u ma imponewx sentenza ta' ħabs effettiv. Illi

abbażi tar-rapport hawn fuq ċitat, il-Qorti tħoss li għandha tagħti possibilità lill-imputat li jekk jimxi kif suppost ma jispiċċax il-ħabs. Għalhekk issa f'idejn l-imputat jekk iridx ibiddel ħajtu jew le, dan anke bil-gwida tal-Uffiċjal tal-Probation li se tkun qiegħda ssegwih.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikoli 64 (1), 214, 215, 217, 221 (1) u (2), 222 (1) (a) u 251B tal-Kodiċi Kriminali tiddikjara lill-imputat **Leander Zahra** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġih taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet snin (3) mil-lum u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-ħati u x'jiġri jekk huwa ma joqgħodx għall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur